I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2021/953 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Ġunju 2021

dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex ikollhom effett. Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tistabbilixxi regoli dettaljati fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dak id-dritt.

(2) Fit-30 ta' Jannar 2020, id-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjara emerġenza tas-saħħa pubblika ta' rilevanza internazzjonali minħabba t-tifqigħa globali tal-coronavirus tas-sindromu respiratorju akut gravi 2 (SARS-CoV-2), li jikkawża l-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19). Fil-11 ta' Marzu 2020, id-WHO għamlet valutazzjoni li tikkaratterizza l-COVID-19 bħala pandemija.

(3) Biex jillimitaw it-tixrid tas-SARS-CoV-2, l-Istati Membri adottaw xi miżuri, li kellhom impatt fuq l-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni tad-drittijiet tagħhom li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, bħal restrizzjonijiet għad-dħul jew rekwiżiti għal vjaġġaturi transfruntiera biex jagħmlu l-kwarantina jew l-awtoiżolament jew li jiġu ttestjati għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2.

([1]) L-opinjoni tas-27 ta' April 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2021.

([3]) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

(4) Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 ([4]), li introduċiet approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 fl-oqsma ewlenin li ġejjin: l-applikazzjoni ta' kriterji u livelli limitu komuni meta jiġi deċiż jekk jiġux introdotti restrizzjonijiet għall-moviment liberu, immappjar taż-żoni ta' riskju ta' trażmissjoni tas-SARS-CoV-2 abbażi ta' kodiċi tal-kuluri maqbul u approċċ ikkoordinat għal kwalunkwe miżura xierqa li tista' tiġi applikata għall-persuni li jivvjaġġaw lejn iż-żoni ta' riskju jew minnhom, skont il-livell ta' riskju ta' trażmissjoni tas-SARS-CoV-2 f'dawk iż-żoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tagħhom, ir-Rakkomandazzjoni tenfasizza li l-vjaġġaturi b'funzjoni jew bi ħtieġa essenzjali, kif elenkati fil-punt 19 tar-Rakkomandazzjoni, u persuni li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera u li jivvjaġġaw bejn il-fruntieri ta' kuljum jew frekwenti għal skopijiet ta' xogħol, negozju, edukazzjoni, familja, kura medika jew indukrar, li ħajjithom hija partikolarment affettwata minn tali restrizzjonijiet, b'mod partikolari dawk li jeżerċitaw funzjonijiet kritiċi jew li huma essenzjali għall-infrastruttura kritika, jenħtieġ li b'mod ġenerali jiġu eżentati mir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar b'rabta mal-pandemija tal-COVID-19.

(5) Bl-użu tal-kriterji u l-livelli limitu stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) ilu jippubblika, darba fil-ġimgħa, mappa tal-Istati Membri, b'data dwar in-notifika, l-ittestjar u r-rati ta' testijiet b'riżultat pożittiv tal-COVID-19 imqassmin skont ir-reġjun, sabiex jappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri.

(6) L-Istati Membri, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jistgħu jillimitaw id-dritt fundamentali tal-moviment liberu għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. Kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni li hija stabbilita biex tillimita t-tixrid tas-SARS-CoV-2 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq raġunijiet speċifiċi u limitati ta' interess pubbliku, jiġifieri l-ħarsien tas-saħħa pubblika kif enfasizzat mir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475. Huwa meħtieġ li tali limitazzjonijiet jiġu applikati f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni. Għalhekk, kwalunkwe miżura li tittieħed jenħtieġ li tkun limitata strettament fil-kamp ta' applikazzjoni u fiż-żmien, skont l-isforzi biex jerġa' jiddaħħal il-moviment liberu fl-Unjoni, u jenħtieġ li ma testendix lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex titħares is-saħħa pubblika. Barra minn hekk, tali miżuri jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-miżuri meħudin mill-Unjoni biex tiżgura l-moviment liberu mingħajr xkiel ta' oġġetti u servizzi essenzjali fis-suq intern kollu, inkluż il-moviment liberu tal-provvisti mediċi u tal-persunal fil-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa permezz tal-punti ta' qsim tal-fruntieri b'"korsiji ħodor" imsemmijin fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi essenzjali.

(7) Il-persuni li jkunu mlaqqmin jew li jkollhom riżultat ta' test negattiv reċenti tal-COVID-19 u l-persuni li jkunu fiequ mill-COVID-19 fis-sitt xhur preċedenti, jidher li għandhom inqas riskju li jinfettaw lil persuni oħra bis-SARS-CoV-2, skont l-evidenza xjentifika attwali u li għadha qed tevolvi. Jenħtieġ li l-moviment liberu tal-persuni li, skont l-evidenza xjentifika soda, ma jirrappreżentawx riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika, pereżempju għax ikunu immuni u ma jistgħux jittrażmettu s-SARS-CoV-2, ma jkunx ristrett, billi tali restrizzjonijiet ma jkunux meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv li titħares is-saħħa pubblika. Fejn is-sitwazzjoni epidemjoloġika tkun tippermetti, jenħtieġ li tali persuni ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet addizzjonali għall-moviment liberu marbutin mal-pandemija tal-COVID-19, bħall-ittestjar relatat mal-ivvjaġġar għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 jew il-kwarantina relatati mal-ivvjaġġar jew l-awtoiżolament, dment li tali restrizzjonijiet addizzjonali, abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika disponibbli u f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, ma jkunux meħtieġa u proporzjonati biex titħares is-saħħa pubblika, u huma nondiskriminatorji.

(8) Ħafna Stati Membri nedew jew qed jippjanaw li jniedu inizjattivi għall-ħruġ ta' ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19. Madankollu, biex tali ċertifikati tat-tilqim jintużaw b'mod effettiv f'kuntest transfruntier meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, jeħtieġ li jkunu kompletament interoperabbli, kompatibbli, siguri u verifikabbli. Fost l-Istati Membri hemm bżonn approċċ komuni dwar il-kontenut, il-format, il-prinċipji, istandards tekniċi u l-livell ta' sigurtà ta' tali ċertifikati tat-tilqim.

(9) Miżuri unilaterali biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2 għandhom il-potenzjal li jikkawżaw tfixkil sinifikanti fl-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, u li jostakolaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, inkluż is-settur tat-turiżmu, billi l-awtoritajiet nazzjonali u s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, bħal-linji tal-ajru, il-ferroviji, il-kowċis u l-laneċ, jistgħu jkunu kkonfrontati b'firxa wiesgħa ta' formati ta' dokumenti diverġenti, mhux biss fir-rigward tat-tilqim kontra l-COVID-19 tad-detenturi taċ-ċertifikat, imma anke dwar ir-riżultat tat-testijiet u l-fejqan tagħhom.

(10) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli, il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm approċċ armonizzat għat-turiżmu fl-Unjoni kollha billi jiġu implimentati l-kriterji komuni għal vjaġġar sikur, bi protokoll dwar is-Sikurezza tas-Saħħa tal-Unjoni għar-rekwiżiti ta' ttestjar u kwarantina, ċertifikat tat-tilqim komuni, ladarba jkun hemm biżżejjed evidenza xjentifika li l-persuni mlaqqmin ma jittrażmettux is-SARS-CoV-2, u r-rikonoxximent reċiproku tal-proċeduri ta' tilqim.

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3).

(11) Fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-25 ta' Marzu 2021, il-Membri tal-Kunsill Ewropew talbu li jinbdew it-ħejjijiet rigward approċċ komuni għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu sabiex jiġi żgurat li l-isforzi jkunu koordinati meta s-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti li jittaffew il-miżuri eżistenti u li l-ħidma dwar iċ-ċertifikati COVID-19 diġitali interoperabbli u nondiskriminatorji titmexxa 'l quddiem b'urġenza.

(12) Għall-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE). Dak il-qafas komuni jenħtieġ li jkun vinkolanti u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li jiffaċilita, kull meta jkun possibbli abbażi ta' evidenza xjentifika, it-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet b'mod koordinat mill-Istati Membri, filwaqt li titqies it-tneħħija tar-restrizzjonijiet fit-territorju tagħhom stess. Ir-Regolament 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jestendi dak il-qafas komuni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fiż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u japplika fl-ambitu tal-acquis ta' Schengen, mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi dwar il-qsim tal-fruntieri interni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu hija waħda mill-kundizzjonijiet preliminari fundamentali biex jinbeda rkupru ekonomiku.

(13) Għalkemm dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jimponu restrizzjonijiet għall-moviment liberu, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiffaċilita t-tneħħija gradwali ta' tali restrizzjonijiet b'mod koordinat, kull meta jkun possibbli, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475. Tali restrizzjonijiet jistgħu jiġu rrinunzjati b'mod partikolari għal persuni mlaqqmin, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, sal-punt li l-evidenza xjentifika dwar l-effetti tat-tilqim kontra l-COVID-19 issir dejjem aktar disponibbli u konklussiva b'mod aktar konsistenti fir-rigward tal-ksur tal-katina ta' trażmissjoni.

(14) Dan ir-Regolament huwa maħsub biex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u nondiskriminazzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jimmira lejn livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Huwa jenħtieġ li ma jinftehimx bħala li jiffaċilita jew jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet għall-moviment liberu, jew restrizzjonijiet għal drittijiet fundamentali oħra, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, minħabba l-effetti ta' ħsara tagħhom fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni u n-negozji. Kwalunkwe verifika taċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jenħtieġ li ma twassalx għal restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-moviment liberu fl-Unjoni jew għal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fiż-żona Schengen. L-eżenzjonijiet għar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 imsemmijin fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 jenħtieġ li jkomplu japplikaw u jenħtieġ li titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-komunitajiet transfruntiera, li ġew affettwati b'mod partikolari minn tali restrizzjonijiet. Fl-istess ħin, il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huwa maħsub li jiżgura li ċ-ċertifikati interoperabbli jkunu disponibbli wkoll għall-vjaġġaturi b'funzjoni jew bi ħtieġa essenzjali.

(15) L-introduzzjoni ta' approċċ komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tiddependi mill-fiduċja reċiproka. L-użu ta' ċertifikati COVID-19 kontrafatti huwa ta' riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika. L-awtoritajiet fi Stat Membru jeħtieġu assigurazzjoni li l-informazzjoni inkluża f'ċertifikat maħruġ fi Stat Membru ieħor tkun affidabbli, li ċ-ċertifikat ma jkunx ġie ffalsifikat, li ċ-ċertifikat ikun jappartjeni għall-persuna li jippreżentah, u li kull min jivverifika ċ-ċertifikat ikollu aċċess għall-inqas ammont ta' informazzjoni meħtieġ biss.

(16) Fl-1 ta' Frar 2021, l-Europol ħarġet Notifika ta' Twissija Bikrija dwar il-bejgħ illeċitu ta' ċertifikati kontrafatti ta' riżultati ta' testijiet tal-COVID-19 li jindikaw riżultat negattiv. Minħabba d-disponibbiltà ta' mezzi teknoloġiċi u l-aċċess faċli għalihom, bħall-printers b'riżoluzzjoni għolja u tipi ta' software għall-editjar tal-grafika, il-frodaturi huma kapaċi jipproduċu ċertifikati COVID-19 kontrafatti ta' kwalità għolja. Ġew irrappurtati każijiet ta' bejgħ illeċitu ta' ċertifikati kontrafatti ta' testijiet tal-COVID-19, li jinvolvu aktar ċrieki ta' falsifikazzjoni organizzati u individwi opportunistiċi li jbigħu ċ-ċertifikati COVID-19 kontrafatti online u offline.

(17) Huwa importanti li jkunu disponibbli biżżejjed riżorsi biex dan ir-Regolament jiġi implimentat kif ukoll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' frodi u prattiki illeċiti rigward il-ħruġ u l-użu taċ-ċertifikati sottostanti ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ara paġna 24 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

(18) Biex jiżguraw l-interoperabbiltà ta' u l-aċċess ugwali għaċ-ċertifikati sottostanti iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, anki għall-persuni vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabbiltà, u għall-persuni b'aċċess limitat għat-teknoloġiji diġitali, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu t-tali ċertifikati f'format diġitali jew stampat, jew it-tnejn li huma. Id-detenturi prospettivi jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu ċ-ċertifikati fil-format tal-għażla tagħhom. Dan ikun jippermettilhom li jitolbu u jiċċievu kopja stampata taċ-ċertifikat jew li jirċevuh f'format diġitali biex ikunu jistgħu jerfgħuh u juruh fuq apparat mobbli, jew it-tnejn li huma. Jenħtieġ li ċ-ċertifikati jkun fihom barcode interoperabbli li tista' tinqara diġitalment, li tagħti aċċess biss għad-data rilevanti għaċ-ċertifikati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarantixxu l-awtentiċità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikati bl-użu ta' siġilli elettroniċi. Biex jiġi żgurat livell għoli ta' fiduċja fl-awtentiċità, il-validità u fl-integrità taċ-ċertifikati, l-Istati Membri, meta jkun possibbli, jenħtieġ li jagħtu prijorità lill-użu ta' siġilli elettroniċi avvanzati kif definiti fil-punt (26) tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru (UE) 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). L-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat jenħtieġ li tintwera f'format li jinqara mill-bniedem, b'mod stampat jew ippreżentata bħala test sempliċi. Il-layout taċ-ċertifikati jenħtieġ li jkun faċli biex jinftiehem u jiżgura s-sempliċità u l-faċilità tal-użu. Biex ikunu evitati ostakli għall-moviment liberu, jenħtieġ li ċ-ċertifikati jinħarġu mingħajr ħlas, u li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikollhom id-dritt li jinħarġulhom iċ-ċertifikati. Biex jiġu evitati l-abbuż jew il-frodi, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu imposti tariffi xierqa għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid f'każijiet ta' telf ripetut. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu ċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE b'mod awtomatiku jew fuq talba, u jiżguraw li jistgħu jinkisbu faċilment u rapidament. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jipprovdu, fejn ikun meħtieġ, l-għajnuna meħtieġa biex jippermettu aċċess ugwali miċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat separat għal kull tilqim, riżultat ta' test jew fejqan u jenħtieġ li ma jkunx fih data minn ċertifikati preċedenti ħlief meta previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(19) Iċ-ċertifikati awtentiċi sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jenħtieġ li jkunu identifikabbli individwalment permezz ta' identifikatur uniku taċ-ċertifikat, filwaqt li jitqies li d-detenturi jistgħu jinħarġulhom aktar minn ċertifikat wieħed matul il-pandemija tal-COVID-19. L-identifikatur uniku taċ-ċertifikat huwa magħmul minn sekwenza alfanumerika u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ma jkun fiha ebda data li torbotha ma' dokumenti jew identifikaturi oħra, bħal numri tal-passaport jew tal-karta tal-identità, sabiex tiġi evitata l-identifikazzjoni diretta tad-detentur. L-identifikatur uniku taċ-ċertifikat jenħtieġ li jintuża biss għall-finijiet maħsubin tiegħu, li jinkludu talbiet għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid jekk iċ-ċertifikat ma jkunx għadu disponibbli għad-detentur u r-revoka taċ-ċertifikati. Barra minn hekk, l-użu ta' identifikatur uniku taċ-ċertifikat jevita l-ħtieġa li tiġi pproċessata data personali oħra li altrimenti tkun meħtieġa biex jiġu identifikati ċertifikati individwali. Għal raġunijiet mediċi u ta' saħħa pubblika u fil-każ ta' ċertifikati maħruġin jew miksubin b'mod frawdolenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu u jiskambjaw ma' Stati Membri oħra għall-fini ta' dan ir-Regolament listi ta' revoka taċ-ċertifikati f'każijiet limitati, b'mod partikolari sabiex jiġu revokati ċertifikati li jkunu nħarġu bi żball, bħala riżultat ta' frodi jew wara s-sospensjoni ta' lott ta' vaċċini COVID-19 li jinstab li jkunu difettużi. Il-listi ta' revoka taċ-ċertifikati jenħtieġ li ma jkun fihom ebda data personali apparti l-identifikaturi uniċi taċ-ċertifikat. Id-detenturi taċ-ċertifikati revokati jenħtieġ li jiġu infurmati minnufih dwar ir-revoka taċ-ċertifikati tagħhom u r-raġunijiet għar-revoka.

(20) Il-ħruġ ta' ċertifikati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jwassalx għal diskriminazzjoni minħabba l-pussess ta' kategorija speċifika ta' ċertifikat.

(21) L-aċċess universali, f'waqtu u bi prezz raġonevoli għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u t-testijiet għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2, li jiffurmaw il-bażi għall-ħruġ taċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, huwa kruċjali fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 u huwa essenzjali biex jerġa' jiġi stabbilit il-moviment liberu fl-Unjoni. Biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu, l-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw possibbiltajiet ta' ttestjar bi prezz raġonevoli u disponibbli b'mod wiesa', b'kont meħud li mhux il-popolazzjoni kollha se tkun ingħatat l-opportunità li tiġi mlaqqma qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(22) Is-sigurtà, l-awtentiċità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-konformità tagħhom mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data huma kruċjali għall-aċċettazzjoni tagħhom fl-Istati Membri kollha. Għalhekk hu meħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' fiduċja li jistabbilixxi r-regoli u l-infrastruttura għall-ħruġ u għall-verifika affidabbli u siguri taċ-ċertifikati COVID-19. L-infrastruttura jenħtieġ li tiġi żviluppata, bi preferenza qawwija għall-użu tat-teknoloġija b'sors miftuħ, biex taħdem fuq sistemi operattivi ewlenin differenti, u fl-istess ħin jiġi żgurat li hija tkun protetta mit-theddid relatat mas-sigurtà ċibernetika. Il-qafas ta' fiduċja jenħtieġ li jiżgura li l-verifika ta' ċertifikati COVID-19 tista' titwettaq offline u mingħajr ma l-emittent jew kwalunkwe parti terza oħra jiġu infurmati dwar il-verifika. Il-qafas ta' fiduċja jenħtieġ li jkun ibbażat fuq infrastruttura tal-kjavi pubblika b'katina ta' fiduċja mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri jew awtoritajiet fdati oħra sal-entitajiet

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

individwali li joħorġu ċ-ċertifikati COVID-19. Il-qafas ta' fiduċja jenħtieġ li jippermetti l-identifikazzjoni tal-frodi, b'mod partikolari l-falsifikazzjonijiet. L-outline tan-network tal-"e-Saħħa" (network tas-servizzi tas-saħħa elettroniċi) intitolat "L-interoperabbiltà taċ-Ċertifikati tas-Saħħa - Qafas ta' Fiduċja" adottat, fit-12 ta' Marzu 2021 skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jenħtieġ li jifforma l-bażi għall-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

(23) Skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li ċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jinħarġu lill-persuni msemmijin fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, jiġifieri liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom, mill-Istat Membru fejn ikun ingħata t-tilqim jew fejn ikun sar it-test, jew fejn tkun tinsab il-persuna li fieqet. Meta ssir referenza għall-ħruġ mill-Istati Membri, dan jenħtieġ li jinftiehem li jkopri wkoll il-ħruġ minn korpi maħturin f'isem l-Istati Membri, inkluż meta ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej jew fil-Gżejjer Faeroe f'isem Stat Membru. Meta jkun rilevanti jew xieraq, jenħtieġ li ċ-ċertifikati jinħarġu lil persuna oħra f'isem il-persuna mlaqqma, ittestjata jew li fieqet, pereżempju lill-kustodju legali f'isem persuni legalment inkapaċitati jew lill-ġenituri f'isem uliedhom. Jenħtieġ li ċ-ċertifikati ma jkunux soġġetti għal legalizzazzjoni jew xi formalitajiet simili oħra.

(24) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-persuni li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera u li jivvjaġġaw bejn il-fruntieri ta' kuljum jew frekwenti għal skopijiet ta' xogħol, negozju, edukazzjoni, familja, kura medika jew indukrar.

(25) Jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċertifikati COVID-19 sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jinħarġu liċ-ċittadini jew lir-residenti ta' Andorra, Monaco, San Marino u l-Vatikan jew is-Santa Sede.

(26) Il-ftehimiet dwar il-moviment liberu tal-persuni konklużi mill-Unjoni u l-Istati Membri, minn naħa waħda, u ċerti pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, jipprevedu l-possibbiltà li jiġi ristrett il-moviment liberu minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika b'mod mhux diskriminatorju. Jekk tali ftehim ma jkunx fih mekkaniżmu ta' inkorporazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni, jenħtieġ li ċ-ċertifikati COVID-19 maħruġin għall-benefiċjarji ta' tali ftehimiet jiġu aċċettati skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Tali aċċettazzjoni jenħtieġ li tkun kundizzjonali għal att ta' implimentazzjoni li jiġi adottat mill-Kummissjoni li jistabbilixxi li tali pajjiż terz joħroġ ċertifikati COVID-19 f'konformità ma' dan ir-Regolament u jkun ipprovda assigurazzjonijiet formali li se jaċċetta ċertifikati COVID-19 maħruġin mill-Istati Membri.

(27) Ir-Regolament (UE) 2021/954 japplika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru li dak ir-Regolament japplika għalih u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

(28) Jenħtieġ li l-qafas ta' fiduċja li jiġi stabbilit għall-fini ta' dan ir-Regolament ifittex li jiżgura l-konsistenza mal-inizjattivi globali, b'mod partikolari dawk li jinvolvu d-WHO u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Tali konsistenza jenħtieġ li tinkludi, meta jkun possibbli, l-interoperabbiltà bejn is-sistemi teknoloġiċi stabbiliti fil-livell globali jew minn pajjiżi terzi li l-Unjoni għandha rabtiet stretti magħhom u s-sistemi stabbiliti għall-fini ta' dan ir-Regolament biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'infrastruttura tal-kjavi pubblika jew l-iskambju bilaterali ta' kjavi pubbliċi. Għall-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jkunu mlaqqmin jew ittestjati f'pajjiżi terzi jew fil-pajjiżi jew territorji ekstra-Ewropej imsemmijin fl-Artikolu 355(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u elenkati fl-Anness II tiegħu jew il-Gżejjer Faeroe, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 maħruġin minn pajjiżi terzi jew minn pajjiżi jew territorji ekstra-Ewropej jew mill-Gżejjer Faeroe liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dan ir-Regolament.

([8]) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

(29) Għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-moviment liberu, u biex jiġi żgurat li r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu attwalment fis-seħħ matul il-pandemija tal-COVID-19 ikunu jistgħu jitneħħew b'mod ikkoordinat fuq il-bażi tal-aħħar evidenza u gwida xjentifika mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa stabbilit skont l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), mill-ECDC u mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), jenħtieġ li jiġi stabbilit ċertifikat interoperabbli tat-tilqim. Jenħtieġ li tali ċertifikat tat-tilqim iservi biex jikkonferma li d-detentur irċieva vaċċin kontra l-COVID-19 fi Stat Membru u jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu. Jenħtieġ li ċ-ċertifikat tat-tilqim ikun fih biss l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikat b'mod ċar id-detentur kif ukoll il-vaċċin kontra l-COVID-19 mogħti, l-għadd ta' dożi u d-data u l-post tat-tilqim. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu ċertifikati tat-tilqim lill-persuni li jkunu rċevew vaċċini kontra l-COVID-19 li ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), lil dawk li rċevew vaċċini kontra l-COVID-19 li ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u lil dawk li rċevew vaċċini kontra l-COVID-19 li d-distribuzzjoni tagħhom ġiet awtorizzata temporanjament skont l-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva.

(30) Jenħtieġ li l-persuni li jkunu ġew imlaqqmin qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż bħala parti minn prova klinika, ukoll ikollhom id-dritt li jiksbu ċertifikat tat-tilqim skont dan ir-Regolament peress li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprovdi l-qafas aċċettat b'mod reċiproku biex jiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu. Meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jew il-membri tal-familja tagħhom ma jkollhomx fil-pussess tagħhom ċertifikat tat-tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari minħabba li jkunu ġew imlaqqmin qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huma jenħtieġ li jingħataw kull opportunità raġonevoli biex jagħtu prova b'mezzi oħra li għandhom jibbenefikaw mit-tneħħija ta' restrizzjonijiet rilevanti għall-moviment liberu mogħtija minn Stat Membru lil detenturi ta' ċertifikati tat-tilqim maħruġin skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ma jinftihemx bħala li jaffettwa l-obbligu tal-Istati Membri li joħorġu ċertifikati tat-tilqim li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u lanqas id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja tagħhom li jirċievu, mill-Istati Membri, tali ċertifikati tat-tilqim. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li joħorġu prova tat-tilqim f'formati oħra għal skopijiet oħra, b'mod partikolari għal skopijiet mediċi.

(31) L-Istati Membri jistgħu joħorġu wkoll, fuq talba, ċertifikati tat-tilqim lil persuni li jkunu ġew imlaqqmin f'pajjiż terz u li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża prova affidabbli f'dan ir-rigward. Dan huwa ta' importanza partikolari sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jagħmlu użu minn ċertifikat tat-tilqim interoperabbli u aċċettat meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-moviment liberu fl-Unjoni. Dan jenħtieġ li japplika b'mod partikolari għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-membri tal-familja tagħhom li jkunu ġew imlaqqmin f'pajjiż terz li għalihom is-sistema tas-saħħa ta' Stat Membru tippermetti l-ħruġ ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u dment li l-Istat Membru jkun ingħata prova affidabbli tat-tilqim. Jenħtieġ li Stat Membru ma jkunx meħtieġ joħroġ ċertifikat tat-tilqim meta l-vaċċin kontra l-COVID-19 ikkonċernat ma jkunx awtorizzat għall-użu fit-territorju tiegħu. Ma hemm ebda rekwiżit għall-Istati Membri li joħorġu tali ċertifikati tat-tilqim f'uffiċċji konsolari.

(32) Fit-12 ta' Marzu 2021, in-Network tal-"e-Saħħa" aġġorna l-Linji gwida tiegħu dwar iċ-Ċertifikati tat-tilqim Verifikabbli - Elementi Bażiċi ta' Interoperabbiltà. Dawk il-linji gwida, b'mod partikolari l-istandards ta' kodiċi preferuti, jenħtieġ li jiffurmaw il-bażi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu adottati għall-fini ta' dan ir-Regolament.

(33) Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bosta Stati Membri diġà eżentaw persuni mlaqqmin minn ċerti restrizzjonijiet għall-moviment liberu fl-Unjoni. Jekk l-Istati Membri jaċċettaw prova tat-tilqim biex ineħħu restrizzjonijiet għall-moviment liberu fis-seħħ, skont il-liġi tal-Unjoni għal-limitazzjoni tat-tixrid tas-SARS-CoV-2, pereżempju rekwiżit ta' kwarantina jew ta' awtoiżolament jew ta' ttestjar għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2, jenħtieġ li dawn ikollhom jaċċettaw, bl-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġin minn Stati Membri oħra skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tali aċċettazzjoni ssir bl-istess kundizzjonijiet, jiġifieri, pereżempju, jekk Stat Membru jqis li t-tilqim b'doża waħda ta' vaċċin tkun biżżejjed, jenħtieġ li jittratta bl-istess mod lid-detenturi ta' ċertifikat tat-tilqim li jindika doża waħda tal-istess vaċċin. Meta l-Istati Membri jneħħu

([9]) Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

([11]) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

restrizzjonijiet għall-moviment liberu abbażi ta' prova tat-tilqim, jenħtieġ li ma jissoġġettawx lil persuni mlaqqmin għal restrizzjonijiet addizzjonali għall-moviment liberu marbutin mal-pandemija tal-COVID-19, bħall-ittestjar relatat mal-ivvjaġġar għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 jew il-kwarantina relatati mal-ivvjaġġar jew mal-awtoiżolament, dment li tali restrizzjonijiet addizzjonali, skont l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, ma jkunux meħtieġa u proporzjonati sabiex titħares is-saħħa pubblika, u huma nondiskriminatorji.

(34) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jistabbilixxi proċeduri armonizzati, li jinvolvu lill-Istati Membri kollha, għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza tal-prodotti mediċinali fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura li prodotti mediċinali ta' kwalità għolja biss jitqiegħdu fis-suq u jingħataw lil persuni fl-Unjoni kollha. B'riżultat ta' dan, l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija mill-Unjoni skont dak ir-Regolament, inkluża l-evalwazzjoni sottostanti tal-prodott mediċinali kkonċernat f'termini ta' kwalità, sikurezza u effikaċja, huma validi fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' segwitu u sorveljanza tal-effikaċja ta' prodotti mediċinali awtorizzati skont dak ir-Regolament jitwettqu ċentralment għall-Istati Membri kollha. Il-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-vaċċini permezz tal-proċedura ċentralizzata jsegwu standards komuni u jsiru b'mod konsistenti f'isem l-Istati Membri kollha. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fir-rieżami u fl-approvazzjoni tal-valutazzjoni hija żgurata permezz ta' diversi kumitati u gruppi. Il-valutazzjoni tibbenefika wkoll mill-għarfien espert tan-network regolatorju tal-mediċini Ewropew. L-awtorizzazzjoni permezz tal-proċedura ċentralizzata tipprovdi l-fiduċja li l-Istati Membri kollha jistgħu jiddependu fuq id-data dwar l-effikaċja u s-sikurezza u dwar il-konsistenza tal-lottijiet li qed jintużaw għat-tilqim. L-obbligu li jiġu aċċettati, taħt l-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stati Membri oħra għalhekk jenħtieġ li jkopri l-vaċċini kontra l-COVID-19 li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004. Sabiex jappoġġaw il-ħidma tad-WHO u biex jistinkaw favur interoperabbiltà globali aħjar, l-Istati Membri huma mħeġġa b'mod partikolari jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim maħruġin għal vaċċini oħra kontra l-COVID-19 li jkunu kkompletaw proċedura ta' elenkar għall-użu ta' emerġenza tad-WHO.

(35) Jenħtieġ li l-proċeduri armonizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jiddeċiedu li jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim maħruġin għal vaċċini oħra kontra l-COVID-19, li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2001/83/KE, vaċċini li d-distribuzzjoni tagħhom tkun ġiet awtorizzata temporanjament skont l-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva, u vaċċini li jkunu kkompletaw proċedura ta' elenkar għall-użu ta' emerġenza tad-WHO. Meta tali vaċċin kontra l-COVID-19 sussegwentement jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, l-obbligu li jiġu aċċettati ċertifikati tat-tilqim taħt l-istess kundizzjonijiet ikun ikopri wkoll ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stat Membru għal dak il-vaċċin kontra l-COVID-19, irrispettivament minn jekk iċ-ċertifikati tat-tilqim ikunux inħarġu qabel jew wara l-awtorizzazzjoni permezz tal-proċedura ċentralizzata.

(36) Huwa importanti li tiġi evitata d-diskriminazzjoni diretta jew indiretta ta' persuni li ma jkunux imlaqqmin, pereżempju minħabba raġunijiet mediċi, għax ma jkunux parti mill-grupp fil-mira li l-vaċċin kontra l-COVID-19 huwa attwalment mogħti lilu jew permess għalih, bħat-tfal, jew għax għad ma kellhomx l-opportunità li jiġu mlaqqmin jew għażlu li ma jiġux imlaqqmin. Għaldaqstant, il-pussess ta' ċertifikat tat-tilqim, jew il-pussess ta' ċertifikat tat-tilqim li jindika vaċċin kontra l-COVID-19, jenħtieġ li ma jkunx prekundizzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu jew għall-użu ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri transfruntieri bħal-linji tal-ajru, il-ferroviji, il-kowċis jew il-laneċ jew kwalunkwe mezz ta' trasport ieħor. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jistax jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi dritt jew obbligu għat-tilqim.

(37) Ħafna Stati Membri qed jitolbu lill-persuni li jivvjaġġaw lejn it-territorju tagħhom biex jagħmlu test għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2 qabel jew wara l-wasla. Fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ġeneralment iddipendew mit-test ta' traskrizzjoni inversa u reazzjoni katina bil-polimeraży (RT-PCR), li huwa test tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku (NAAT) għad-dijanjoży tal-COVID-19 meqjus mid-WHO u mill-ECDC bħala l-aktar metodoloġija affidabbli għall-ittestjar ta' każijiet u kuntatti. Hekk kif il-pandemija kompliet tavvanza, saret disponibbli ġenerazzjoni ġdida ta' testijiet aktar rapidi kif ukoll orħos fis-suq tal-Unjoni: l-hekk imsejħin testijiet rapidi tal-antiġeni, li jidentifikaw il-preżenza ta' proteini virali (antiġeni) biex tiġi identifikata infezzjoni tas-SARS-CoV-2 li tkun għadha għaddejja. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1743 ([12]) tistabbilixxi gwida għall-Istati Membri dwar l-użu ta' tali testijiet rapidi tal-antiġeni.

(38) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 ([13]) tistabbilixxi qafas komuni għall-użu u l-validazzjoni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19 fl-Unjoni u tipprevedi l-iżvilupp ta' lista komuni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19. Abbażi ta' dik ir-Rakkomandazzjoni, fit-18 ta' Frar 2021, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa qabel dwar lista komuni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19, għażla ta' testijiet rapidi tal-antiġeni li għalihom l-Istati Membri se jirrikonoxxu b'mod reċiproku r-riżultati tagħhom u sett standardizzat komuni ta' data li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikati tat-testijiet tal-COVID-19.

([12]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1743 tat-18 ta' Novembru 2020 dwar l-użu tat-testijiet rapidi tal-antiġeni għad-dijanjoży tal-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 63).

([13]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 dwar qafas komuni għall-użu u l-validazzjoni ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19 fl-UE (ĠU C 24, 22.1.2021, p. 1).

(39) Minkejja dawk l-isforzi komuni, iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu xorta għadhom jiffaċċjaw problemi meta jippruvaw jiksbu r-riżultat tat-test miksub fi Stat Membru wieħed aċċettat fi Stat Membru ieħor. Dawk il-problemi huma spiss marbutin mal-lingwa li biha jinħareġ ir-riżultat tat-test, jew man-nuqqas ta' fiduċja fl-awtentiċità tad-dokument ippreżentat. F'dak il-kuntest, il-kost tat-testijiet ukoll jeħtieġ li jitqies. Tali problemi huma aggravati għall-persuni li għadhom ma jistgħux jiġu mlaqqmin, b'mod partikolari t-tfal, li għalihom ir-riżultati tat-testijiet jistgħu jkunu l-uniku mod biex jivvjaġġaw fejn ikun hemm restrizzjonijiet fis-seħħ.

(40) Biex jittejjeb il-livell ta' aċċettazzjoni tar-riżultati tat-testijiet imwettqin fi Stat Membru ieħor meta jiġu ppreżentati dawn ir-riżultati għall-fini tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, jenħtieġ li jiġi stabbilit ċertifikat interoperabbli tat-test, li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ċara tad-detentur kif ukoll tat-tip, tad-data u tar-riżultat tat-test għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2. Biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tar-riżultat tat-test, jenħtieġ li għal ċertifikat ta' test maħruġ abbażi ta' dan ir-Regolament ikunu eliġibbli biss ir-riżultati tat-testijiet NAAT u t-testijiet rapidi tal-antiġeni li jidhru fil-lista stabbilita abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021. Is-sett standardizzat komuni ta' data li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikati tat-testijiet maqbula mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021, b'mod partikolari l-istandards ta' kodiċi preferuti, jenħtieġ li jifforma l-bażi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu adottati għall-fini ta' dan ir-Regolament.

(41) L-użu ta' testijiet rapidi tal-antiġeni jservi biex jiffaċilita l-ħruġ ta' ċertifikati tat-testijiet bi prezz raġonevoli. L-aċċess universali u bi prezz raġonevoli għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u t-testijiet għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2, li jiffurmaw il-bażi għall-ħruġ taċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, huwa kruċjali fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. Fost l-oħrajn, l-aċċess faċli għal testijiet rapidi tal-antiġeni mhux għaljin li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità jista' jikkontribwixxi għal spejjeż aktar baxxi, b'mod partikolari għal persuni li jaqsmu l-fruntieri kuljum jew spiss għal raġunijiet ta' xogħol jew edukazzjoni, biex iżuru qraba stretti, biex ifittxu kura medika, jew biex jieħdu ħsieb lill-maħbubin tagħhom, għal ħaddiema oħra b'funzjoni jew bi bżonn essenzjali, għal persuni ekonomikament żvantaġġati, u għall-istudenti. Fil-11 ta' Mejju 2021, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa adotta lista aġġornata ta' testijiet rapidi tal-antiġeni, li żiedet l-għadd ta' testijiet rapidi tal-antiġeni rikonoxxuti bħala li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità għal 83. Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, diversi Stati Membri diġà pprovdew għal possibbiltajiet ta' ttestjar fuq skala kbira lill-popolazzjonijiet tagħhom. Biex tappoġġa l-kapaċità tal-ittestjar tal-Istati Membri, il-Kummissjoni mmobilizzat EUR 100 miljun biex tixtri aktar minn 20 miljun test rapidu tal-antiġeni. Ġew immobilizzati wkoll EUR 35 miljun permezz ta' ftehim mas-Salib l-Aħmar biex tiżdied il-kapaċità tal-ittestjar fl-Istati Membri permezz ta' kapaċitajiet ta' ttestjar mobbli.

(42) Iċ-ċertifikati tat-testijiet tal-COVID-19 li jindikaw riżultat negattiv maħruġin mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu aċċettati, taħt l-istess kundizzjonijiet, mill-Istati Membri li jitolbu prova ta' test għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2 biex ineħħu r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu fis-seħħ biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2. Meta s-sitwazzjoni epidemjoloġika tkun tippermetti, id-detenturi ta' ċertifikati ta' testijiet li jindikaw riżultat negattiv jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet addizzjonali għall-moviment liberu marbutin mal-pandemija tal-COVID-19, bħal ittestjar addizzjonali relatat mal-ivvjaġġar għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 mal-wasla jew il-kwarantina relatati mal-ivvjaġġar jew l-awtoiżolament, dment li tali restrizzjonijiet addizzjonali, abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, ma jkunux meħtieġa u proporzjonati sabiex titħares is-saħħa pubblika, u huma nondiskriminatorji.

(43) Skont l-evidenza xjentifika eżistenti, huwa possibbli għall-persuni li fiequ mill-COVID-19 sabiex ikomplu jirriżultaw pożittivi fit-testijiet għas-SARS-CoV-2 għal ċertu perijodu wara l-bidu tas-sintomi. Jekk dawn il-persuni jkunu meħtieġa jagħmlu test qabel ma jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, dawn il-persuni għalhekk jistgħu jitwaqqfu milli jivvjaġġaw minkejja li ma jkunux għadhom infettivi. Għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-moviment liberu, u biex jiġi żgurat li r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu attwalment fis-seħħ matul il-pandemija tal-COVID-19 ikunu jistgħu jitneħħew b'mod ikkoordinat fuq il-bażi tal-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, jenħtieġ li jiġi stabbilit ċertifikat interoperabbli tal-fejqan, li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ċara tal-persuna kkonċernata u d-data ta' riżultat tat-test preċedenti li rriżulta pożittiv għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2. Ċertifikat tal-fejqan jenħtieġ li jinħareġ mhux qabel 11-il jum wara d-data li fiha l-persuna kienet l-ewwel soġġetta għal test NAAT li ta riżultat pożittiv u jenħtieġ li jkun validu għal mhux aktar minn 180 jum. Skont l-ECDC, l-evidenza reċenti turi li minkejja tnaqqis tas-SARS-CoV-2 vijabbli bejn għaxart ijiem u għoxrin jum mill-bidu tas-sintomi, studji epidemjoloġiċi konvinċenti naqsu milli juru trażmissjoni tas-SARS-CoV-2 suċċessiva wara għaxart-ijiem. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tbiddel dak il-perijodu abbażi ta' gwida mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa jew mill-ECDC, li qed jistudja mill-qrib il-bażi tal-evidenza għat-tul ta' żmien tal-immunità miksuba wara l-fejqan.

(44) Qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bosta Stati Membri diġà eżentaw lil persuni li fiequ minn ċerti restrizzjonijiet għall-moviment liberu fl-Unjoni. Jekk l-Istati Membri jaċċettaw prova tal-fejqan biex ineħħu r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu fis-seħħ, skont il-liġi tal-Unjoni, għal-limitazzjoni tat-tixrid tas-SARS-CoV-2, pereżempju rekwiżit ta' kwarantina jew ta' awtoiżolament jew ta' ttestjar għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2, jenħtieġ li dawn ikollhom jaċċettaw, bl-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tal-fejqan mill-COVID-19 maħruġin minn Stati Membri oħra skont dan ir-Regolament. Fil-15 ta' Marzu 2021, in-Network tal-e-Saħħa, f'kooperazzjoni mal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, ippubblika linji gwida dwar iċ-ċertifikati interoperabbli tal-irkupru taċ-ċittadini tal-COVID-19 - settijiet minimi ta' data. Meta l-Istati Membri jneħħu restrizzjonijiet għall-moviment liberu abbażi ta' ċertifikat tal-fejqan, jenħtieġ li ma jissoġġettawx lill-persuni li fiequ għal restrizzjonijiet addizzjonali għall-moviment liberu marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, bħall-ittestjar relatat mal-ivvjaġġar għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 jew il-kwarantina relatati mal-ivvjaġġar jew l-awtoiżolament, dment li tali restrizzjonijiet addizzjonali, abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, ma jkunux meħtieġa u proporzjonati sabiex titħares is-saħħa pubblika, u huma nondiskriminatorji.

(45) Biex tkun tista' tinkiseb pożizzjoni komuni malajr, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob lill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, lill-ECDC jew lill-EMA biex joħorġu gwida dwar l-evidenza xjentifika disponibbli dwar l-effetti ta' eventi mediċi dokumentati fiċ-ċertifikati stabbiliti skont dan ir-Regolament, inklużi l-effikaċja u t-tul ta' żmien tal-immunità mogħtija mill-vaċċini kontra l-COVID-19, jekk il-vaċċini jipprevenux l-infezzjoni asintomatika u t-trażmissjoni tas-SARS-CoV-2, is-sitwazzjoni tal-persuni li jkunu fiequ mill-COVID-19, u l-impatti tal-varjanti l-ġodda tas-SARS-CoV-2 fuq persuni li jkunu ġew imlaqqmin jew li jkunu diġà ġew infettati.

(46) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja stabbiliti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

(47) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament jekk, f'każijiet debitament ġustifikati relatati, b'mod partikolari mal-ħtieġa li tiġi żgurata implimentazzjoni fil-ħin tal-qafas ta' fiduċja, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jirrikjedu hekk jew jekk issir disponibbli evidenza xjentifika ġdida.

(48) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq meta jiġi implimentat dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali, fis-sens tal-punt (c) tal-Artikolu 6(1) u tal-punt (g) tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, meħtieġa għall-ħruġ u għall-verifika taċ-ċertifikati interoperabbli previsti f'dan ir-Regolament. Ma jirregolax l-ipproċessar ta' data personali relatata mad-dokumentazzjoni ta' tilqim, ta' test jew ta' fejqan għal finijiet oħra, bħall-farmakoviġilanza jew għaż-żamma tar-rekords mediċi personali u individwali. L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw data personali għal finijiet oħra, jekk il-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' tali data għal finijiet oħra, inklużi l-perijodi ta' żamma relatati, tiġi prevista fil-liġi nazzjonali, li trid tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-prinċipji ta' effikaċja, neċessità u proporzjonalità, u jenħtieġ li jkun fiha dispożizzjonijiet li jidentifikaw b'mod ċar l-ambitu u l-portata tal-ipproċessar, l-għan speċifiku involut, il-kategoriji ta' entità li jistgħu jivverifikaw iċ-ċertifikat kif ukoll is-salvagwardji rilevanti għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u l-abbuż, b'kont meħud tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data. Meta ċ-ċertifikat jintuża għal finijiet mhux mediċi, id-data personali aċċessata matul il-proċess ta' verifika ma tidx tinżamm.

(49) Meta Stat Membru jkun adotta jew jadotta, abbażi tal-liġi nazzjonali, sistema ta' ċertifikati tal-COVID-19 għal finijiet nazzjonali, jenħtieġ li jiżgura għall-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li ċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkunu jistgħu jintużaw ukoll u jiġu aċċettati wkoll għal finijiet nazzjonali, sabiex jiġi evitat li l-persuni li jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor u li jużaw Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkunu obbligati jiksbu ċertifikat tal-COVID-19 nazzjonali addizzjonali.

(50) B'mod konformi mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data, jenħtieġ li ċ-ċertifikati COVID-19 ikun fihom biss id-data personali strettament meħtieġa għall-fini li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni waqt il-pandemija tal-COVID-19. Il-kategoriji speċifiċi tad-data personali u tal-kampijiet tad-data li jridu jiġu inklużi fiċ-ċertifikati COVID-19 jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(51) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-data personali dwar ċertifikati individwali mhuwiex neċessarju li tiġi trażmessa jew skambjata b'mod transfruntier. Bi qbil mal-approċċ infrastrutturali ta' kjavi pubblika, huma biss il-kjavi pubbliċi tal-emittenti li jeħtieġu jiġu trasferiti jew ikunu aċċessibbli b'mod transfruntier, li dan jiġi żgurat minn gateway ta' interoperabbiltà mwaqqaf u ġestit mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-preżenza taċ-ċertifikat kombinat mal-kjavi pubblika tal-emittent jenħtieġ li tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikat. Sabiex tkun tista' sseħħ il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiskambjaw listi ta' ċertifikati revokati. Bi qbil mal-prinċipju ta' protezzjoni ta' data b'mod awtomatiku, jenħtieġ li jintużaw tekniki ta' verifika li ma jirrikjedux it-trażmissjoni ta' data personali fiċ-ċertifikati individwali.

(52) Jenħtieġ li tiġi pprojbita ż-żamma ta' data personali miksuba miċ-ċertifikat mill-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tat-tranżitu jew mill-operaturi tas-servizzi transfruntieri tat-trasport tal-passiġġieri meħtieġa skont il-liġi nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri tas-saħħa pubblika waqt il-pandemija tal-COVID-19. Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jkun fiha data personali.

(53) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, il-kontrolluri tad-data u l-proċessuri tad-data personali għandhom l-obbligu jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju tal-ipproċessar.

(54) L-awtoritajiet jew korpi maħturin oħra responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikati sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, bħala kontrolluri fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679, huma responsabbli għal kif jipproċessaw id-data personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jinkludi l-iżgurar ta' livell ta' sigurtà xieraq għar-riskji, inkluż billi jiġi stabbilit proċess għall-ittestjar, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni regolari tal-effikaċja tal-miżuri tekniċi u organizzattivi għall-iżgurar tas-sigurtà tal-ipproċessar. Is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 japplikaw bis-sħiħ, sabiex li-persuni fiżiċi jiġu protetti fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom.

(55) Biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu informati meta Stat Membru jesiġi li d-detenturi taċ-ċertifikati, wara d-dħul fit-territorju tiegħu, imorru fi kwarantina jew f'awtoiżolament jew li jiġu ttestjati għal infezzjoni bis-SARS-CoV-2, jew jekk jimponi restrizzjonijiet oħra fuq detenturi ta' tali ċertifikati.

(56) Komunikazzjoni ċara, komprensiva u f'waqtha lill-pubbliku, inkluż lid-detenturi, dwar l-iskop tal-ħruġ u l-aċċettazzjoni ta' kull tip ta' ċertifikat sottostanti għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE hija kruċjali biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà għall-ivvjaġġar u ċ-ċertezza tad-dritt. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, pereżempju billi tagħmel disponibbli l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fuq il-pjattaforma web "Re-open EU".

(57) Jenħtieġ li jiġi previst perijodu ta' introduzzjoni gradwali biex l-Istati Membri li ma jkunux jistgħu joħorġu ċertifikati fil-format li jikkonforma ma' dan ir-Regolament mid-data ta' applikazzjoni tiegħu jingħataw il-possibbiltà li jkomplu joħorġu ċertifikati tal-COVID-19 li jkunu għadhom mhux konformi ma' dan ir-Regolament. Matul il-perijodu ta' introduzzjoni gradwali, tali ċertifikati tal-COVID-19 u ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu aċċettati mill-Istati Membri dment li jkun fihom id-data meħtieġa.

(58) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475, kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni stabbilita biex tillimita t-tixrid tas-SARS-CoV-2 jenħtieġ li titneħħa hekk kif tippermetti s-sitwazzjoni epidemjoloġika. Dan japplika wkoll għal rekwiżiti li jiġu ppreżentati dokumenti oħra għajr dawk meħtieġa skont il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2004/38/KE, bħaċ-ċertifikati koperti minn dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal 12-il xahar mid-data ta' applikazzjoni tiegħu. Sa erba' xhur wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta t-tieni rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar it-tagħlimiet meħuda mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar l-impatt tiegħu fuq il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu u fuq il-protezzjoni tad-data.

(59) Sabiex jittieħed kont tal-progress xjentifiku fit-trażżin tal-pandemija tal-COVID-19 jew sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandards internazzjonali, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE biex temenda dan ir-Regolament billi timmodifika jew tneħħi l-oqsma tad-data li għandhom jiġu inklużi fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE rigward l-identità tad-detentur, l-informazzjoni dwar il-vaċċin kontra il-COVID-19, it-test għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2, infezzjoni fl-imgħoddi bis-SARS-CoV-2 u ċ-ċertifikat tal-metadata, billi żżid oqsma tad-data rigward il-vaċċin kontra l-COVID-19, it-test għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2, infezzjoni fl-imgħoddi bis-SARS-CoV-2 u ċ-ċertifikat tal-metadata u billi temenda l-għadd ta' jiem li warajhom għandu jinħareġ ċertifikat tal-fejqan. Sabiex jittieħed kont tal-pariri miksubin, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward taċ-ċertifikat tal-fejqan billi tipprevedi l-ħruġ tiegħu abbażi ta' test rapidu tal-antiġeni pożittiv, test tal-antikorpi, inkluż ittestjar seroloġiku għall-antikorpi kontra s-SARS-CoV-2, jew kwalunkwe metodu ieħor xjentifikament affidabbli. Tali atti delegati jenħtieġ li jinkludi l-oqsma tad-data meħtieġa rigward il-kategoriji ta' data stipulati minn dan ir-Regolament li jridu jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tal-fejqan. Jenħtieġ li jkun fihom ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-perijodu massimu ta' validità, li jista' jiddependi mit-tip ta' test imwettaq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqin f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([16]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(60) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]), il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fit-tħejjija ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta wkoll lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fejn tali atti jkunu ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

(61) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni waqt il-pandemija tal-COVID-19 bl-istabbiliment ta' qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim ta' persuna kontra l-COVID-19, ir-riżultati tat-testijiet tagħha jew fejqan tagħha, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(62) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), inkluż id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u n-nondiskriminazzjoni, il-moviment liberu u d-dritt għal rimedju effettiv. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jikkonformaw mal-Karta meta jimplimentaw dan ir-Regolament.

(63) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(64) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ppreżentaw opinjoni konġunta fil-31 ta' Marzu 2021 ([18]),

([16]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([17]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([18]) Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

Huwa jipprevedi l-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali meħtieġa għall-ħruġ ta' tali ċertifikati u għall-ipproċessar tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġu vverifikati u kkonfermati l-awtenticità u l-validità ta' tali ċertifikati f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "detentur" tfisser persuna li jkun inħarġilha ċertifikat interoperabbli li jkun fih informazzjoni dwar it-tilqim kontra l-COVID-19, ir-riżultati tat-test jew il-fejqan tagħha skont dan ir-Regolament;

(2) "Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE" tfisser ċertifikati interoperabbli li fihom informazzjoni dwar it-tilqim, ir-riżultat tat-test jew il-fejqan tad-detentur maħruġ fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19;

(3) "vaċċin kontra l-COVID-19" tfisser prodott mediċinali immunoloġiku indikat għall-immunizzazzjoni attiva għall-prevenzjoni tal-COVID-19 ikkawżat mis-SARS-CoV-2;

(4) "test NAAT" tfisser test ta' amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku molekulari, bħal tekniki ta' traskrizzjoni inversa u reazzjoni katina bil-polimeraži (RT-PCR), amplifikazzjoni isotermika medjata minn loops (LAMP) u tekniki ta' amplifikazzjoni medjata bit-traskrizzjoni (TMA), użati biex tiġi identifikata l-preżenza tal-aċidu ribonuklejku (RNA) tas-SARS-CoV-2;

(5) "test rapidu tal-antiġeni" tfisser test li jiddependi fuq l-identifikazzjoni ta' proteini virali (antiġeni) bl-użu ta' immunoassaġġ tal-fluss laterali li jagħti riżultati f'inqas minn 30 minuta;

(6) "test tal-antikorpi" tfisser test ibbażat fil-laboratorju bl-għan li jinstab jekk persuna tkunx żviluppat antikorpi kontra s-SARS-CoV-2, li jindika li d-detentur ikun ġie espost għas-SARS-CoV-2 u jkun żviluppa antikorpi, irrispettivament minn jekk dik il-persuna kinitx sintomatika;

(7) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi ta' verifika fi Stat Membru jużaw data kodifikata minn Stat Membru ieħor;

(8) "barcode" tfisser metodu ta' ħżin u rappreżentazzjoni tad-data f'format viżiv li jinqara mill-magni;

(9) "siġill elettroniku" tfisser siġill elettroniku kif definit fil-punt (25) tal-Artikolu 3, tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(10) "identifikatur uniku taċ-ċertifikat" tfisser identifikatur uniku mogħti, f'konformità ma' struttura komuni, għal kull ċertifikat maħruġ f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(11) "qafas ta' fiduċja" tfisser ir-regoli, il-politiki, l-ispeċifikazzjonijiet, il-protokolli, il-formati tad-data u l-infrastruttura diġitali li jirregolaw u jippermettu l-ħruġ u l-verifika affidabbli u siguri taċ-ċertifikati biex jiżguraw l-affidabbiltà tagħhom billi jikkonfermaw l-awtenticità, il-validità u l-integrità tagħhom, bl-użu ta' siġilli elettroniċi.

Artikolu 3

Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

1. Il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għandu jippermetti l-ħruġ, il-verifika u l-aċċettazzjoni transfruntiera ta' kwalunkwe wieħed miċ-ċertifikati li ġejjin:

(a) ċertifikat li jikkonferma li d-detentur irċieva vaċċin kontra l-COVID-19 fl-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat (ċertifikat tat-tilqim);

(b) ċertifikat li jikkonferma li d-detentur kien soġġett għat-test NAAT jew test rapidu tal-antiġeni elenkati fil-lista komuni u aġġornata ta' testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 stabbilita abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021 imwettqin minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ fl-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat u li jindika t-tip ta' test, id-data li sar fiha u r-riżultat tat-test (ċertifikat tat-test);

(c) ċertifikat li jikkonferma li wara riżultat pożittiv ta' test NAAT imwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ id-detentur fieq minn infezzjoni mis-SARS-CoV-2 (ċertifikat tal-fejqan).

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 stabbilita abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2021, inkluż kwalunkwe aġġornament.

2. L-Istati Membri, jew il-korpi maħturin li jaġixxu f'isem l-Istati Membri, għandhom joħorġu ċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'format diġitali jew stampat, jew it-tnejn li huma. Id-detenturi prospettivi għandu jkollhom id-dritt li jirċievu ċ-ċertifikat fil-format tal-għażla tagħhom. Dawk iċ-ċertifikati għandhom ikunu faċli għall-utent u għandu jkun fihom barcode interoperabbli li tippermetti l-verifika tal-awtenticità, il-validità u l-integrità tagħhom. Il-barcode għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti skont l-Artikolu 9. L-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati għandha tintwera wkoll f'forma li tinqara mill-bniedem u għandha tkun ipprovduta, tal-anqas, bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru emittenti u bl-Ingliż.

3. Għandu jinħareġ ċertifikat separat għal kull tilqim, riżultat ta' test jew fejqan. Tali ċertifikat ma għandux ikun fih data minn ċertifikati preċedenti ħlief meta jkun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

4. Iċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jinħarġu bla ħlas. Id-detentur għandu jkun intitolat li jitlob il-ħruġ ta' ċertifikat ġdid jekk id-data personali li tinsab fiċ-ċertifikat oriġinali ma tkunx jew ma tibqax preċiża jew aġġornata, inkluż fir-rigward ta' tilqim, ta' riżultat ta' test jew ta' fejqan tad-detentur, jew jekk iċ-ċertifikat oriġinali ma jkunx għadu disponibbli għad-detentur. Jistgħu jiġu imposti tariffi xierqa għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid f'każijiet ta' telf ripetut.

5. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi t-test li ġej:

"Dan iċ-ċertifikat mhuwiex dokument tal-ivvjaġġar. L-evidenza xjentifika dwar it-tilqim kontra l-COVID-19, l-ittestjar għaliha u l-fejqan minnha qed tkompli tevolvi, inkluż fir-rigward ta' varjanti ġodda tal-virus ta' tħassib. Qabel tivvjaġġa, jekk jogħġbok iċċekkja l-miżuri applikabbli tas-saħħa pubblika u r-restrizzjonijiet relatati applikati fil-punt ta' destinazzjoni."

L-Istat Membru għandu jipprovdi lid-detentur b'informazzjoni ċara, komprensiva u f'waqtha dwar il-ħruġ u l-użu taċ-ċertifikati tat-tilqim, iċ-ċertifikati tat-test, jew iċ-ċertifikati tal-fejqan għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

6. Il-pussess taċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 1 ma għandux ikun prekundizzjoni biex jiġi eżerċitat id-dritt għall-moviment liberu.

7. Il-ħruġ ta' ċertifikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iwassal għal diskriminazzjoni minħabba l-pussess ta' kategorija speċifika ta' ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 5, 6 jew 7.

8. Il-ħruġ taċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 1 ma għandu jaffettwa l-validità ta' l-ebda prova oħra ta' tilqim, riżultat ta' test jew fejqan maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2021 jew għal finijiet oħra, b'mod partikolari għal finijiet mediċi.

9. L-operaturi ta' servizz transfruntier tat-trasport tal-passiġġieri meħtieġa mil-liġi nazzjonali biex jimplimentaw ċerti miżuri tas-saħħa pubblika matul il-pandemija tal-COVID-19 għandhom jiżguraw li l-verifika taċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 1 tiġi integrata fl-operazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport transfruntiera bħall-ajruporti, il-portijiet marittimi u l-istazzjonijiet tal-ferrovija u l-vendi, kif xieraq.

10. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu li ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin minn pajjiż terz li miegħu l-Unjoni u l-Istati Membri jkunu kkonkludew ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni li jippermetti lill-partijiet kontraenti jirrestrinġu tali moviment liberu għal raġunijiet ta' saħħa pubblika b'mod nondiskriminatorju u li ma jkunx fih mekkaniżmu ta' inkorporazzjoni ta' atti legali tal-Unjoni huma ekwivalenti għal dawk maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Fejn il-Kummissjoni tadotta tali atti ta' implimentazzjoni, iċ-ċertifikati kkonċernati għandhom jiġu aċċettati skont il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(5) u fl-Artikolu 7(8).

Qabel ma tadotta tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk tali pajjiż terz joħroġx ċertifikati ekwivalenti għal dawk maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament u pprovdiex assigurazzjonijiet formali li jkun se jaċċetta ċertifikati maħruġin mill-Istati Membri.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

11. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, lill-ECDC jew lill-EMA biex joħorġu gwida dwar l-evidenza xjentifika disponibbli dwar l-effetti ta' eventi mediċi dokumentati fiċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 1, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjanti ġodda tas-SARS-CoV-2 li jkunu ta' tħassib.

Artikolu 4

Qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

2. Il-qafas ta' fiduċja għandu jkun ibbażat fuq infrastruttura tal-kjavi pubblika u jippermetti l-ħruġ u l-verifika affidabbli u sikuri tal-awtentiċità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1). Il-qafas ta' fiduċja għandu jippermetti għall-identifikazzjoni tal-frodi, b'mod partikolari l-falsifikazzjoni. Barra minn hekk, jista' jappoġġa l-iskambju bilaterali ta' listi ta' revoka ta' ċertifikati li jkun fihom l-identifikaturi uniċi taċ-ċertifikati ta' ċertifikati rrevokati. Tali listi ta' revoka ta' ċertifikati ma għandu jkun fihom ebda data personali oħra. Il-verifika ta' ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1), u fejn applikabbli, il-listi ta' revoka ta' ċertifikati ma għandhomx jirriżultaw fin-notifika tal-emittent dwar il-verifika.

3. Il-qafas ta' fiduċja għandu jfittex li jiżgura l-interoperabbiltà mas-sistemi teknoloġiċi stabbiliti fil-livell internazzjonali.

Artikolu 5

Ċertifikat tat-tilqim

1. Kull Stat Membru għandu, awtomatikament jew fuq talba mill-persuni kkonċernati, joħroġ iċ-ċertifikati tat-tilqim imsemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) lil persuni li jkunu ngħataw il-vaċċin kontra l-COVID-19. Dawk il-persuni għandhom jiġu infurmati bid-dritt tagħhom għal ċertifikat tat-tilqim.

2. Iċ-ċertifikat tat-tilqim għandu jkun fih il-kategoriji ta' data personali li ġejjin:

(a) l-identità tad-detentur;

(b) informazzjoni dwar il-vaċċin kontra l-COVID-19 mogħti u l-għadd ta' dożi mogħtija lid-detentur;

(c) metadata taċ-ċertifikat, bħall-emittent taċ-ċertifikat jew identifikatur uniku taċ-ċertifikat.

Id-data personali għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tat-tilqim f'konformità mal-kampijiet tad-data speċifiċi stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex temenda l-punt 1 tal-Anness billi timmodifika jew tneħħi kampijiet tad-data, jew billi żżid kampijiet tad-data li jaqgħu fil-kategoriji ta' data personali msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta tali emenda tkun meħtieġa biex jiġu vverifikati u kkonfermati l-awtentiċità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikat tat-tilqim, fil-każ ta' progress xjentifiku fit-trażżin tal-pandemija tal-COVID-19, jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandards internazzjonali.

3. Iċ-ċertifikat tat-tilqim għandu jinħareġ f'format sigur u interoperabbli f'konformità mal-Artikolu 3(2) wara l-għoti ta' kull doża u għandu jindika b'mod ċar jekk il-kors tat-tilqim tlestiex jew le.

4. Meta, fil-każ ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandards internazzjonali u s-sistemi teknoloġiċi, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu hekk, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13 għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

5. Meta l-Istati Membri jaċċettaw prova tat-tilqim sabiex jirrinunzjaw għar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu stabbiliti, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, biex jillimitaw it-tixrid tas-SARS-CoV-2, huma għandhom jaċċettaw ukoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stati Membri oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament għal vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004.

L-Istati Membri jistgħu jaċċettaw ukoll, għall-istess fini, ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stati Membri oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament għal vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2001/83/KE, vaċċin kontra l-COVID-19 li d-distribuzzjoni tiegħu tkun ġiet awtorizzata temporanjament skont l-Artikolu 5(2) ta' dik d-Direttiva, jew vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun lesta l-proċedura ta' elenkar għall-użu ta' emerġenza tad-WHO.

Meta l-Istati Membri jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim għal vaċċin tal-COVID-19 imsemmi fit-tieni subparagrafu, huma għandhom jaċċettaw ukoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stati Membri oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-istess vaċċin tal-COVID-19.

Artikolu 6

Ċertifikat tat-test

1. Kull Stat Membru għandu, b'mod awtomatiku jew fuq talba mill-persuni kkonċernati, joħroġ iċ-ċertifikati tat-test imsemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1) lill-persuni ttestjati għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2. Dawk il-persuni għandhom jiġu infurmati bid-dritt tagħhom għal ċertifikat tat-test.

2. Iċ-ċertifikat tat-test għandu jkun fih il-kategoriji ta' data personali li ġejjin:

(a) l-identità tad-detentur;

(b) informazzjoni dwar it-test NAAT jew it-test rapidu tal-antiġeni li kien soġġett għalih id-detentur;

(c) metadata taċ-ċertifikat, bħall-emittent taċ-ċertifikat jew identifikatur uniku taċ-ċertifikat.

Id-data personali għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tat-test f'konformità mal-kampijiet tad-data speċifiċi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex temenda l-punt 2 tal-Anness billi timmodifika jew tneħħi kampijiet tad-data, jew billi żżid kampijiet tad-data li jaqgħu fil-kategoriji ta' data personali msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta tali emenda tkun meħtieġa biex jiġu vverifikati u kkonfermati l-awtentiċità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikat tat-test, fil-każ ta' progress xjentifiku fit-trażżin tal-pandemija tal-COVID-19, jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ma' standards internazzjonali.

3. Iċ-ċertifikat tat-test għandu jinħareġ f'format sigur u interoperabbli f'konformità mal-Artikolu 3(2).

4. Meta, fil-każ ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandards internazzjonali u s-sistemi teknoloġiċi, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu hekk, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13 għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

5. Meta l-Istati Membri jitolbu prova ta' test għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 biex ineħħu r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tal-komunitajiet transfruntiera, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, huma għandhom jaċċettaw ukoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-test li jindikaw riżultat negattiv maħruġin minn Stati Membri oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Ċertifikat tal-fejqan

1. Kull Stat Membru għandu joħroġ, fuq talba, iċ-ċertifikati tal-fejqan imsemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 3(1).

Ċertifikati tal-fejqan għandhom jinħarġu mhux qabel 11-il jum wara d-data li fiha l-persuna kienet l-ewwel soġġetta għal test NAAT li ta riżultat pożittiv.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex temenda l-għadd ta' jiem li wara li jgħaddu għandu jinħareġ ċertifikat tal-fejqan, abbażi ta' gwida riċevuta mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa f'konformità mal-Artikolu 3(11) jew fuq evidenza xjentifika rieżaminata mill-ECDC.

2. Iċ-ċertifikat tal-fejqan għandu jkun fih il-kategoriji ta' data personali li ġejjin:

(a) l-identità tad-detentur;

(b) informazzjoni dwar l-infezzjoni preċedenti tas-SARS-CoV-2 tad-detentur wara riżultat pożittiv ta' test;

(c) metadata taċ-ċertifikat, bħall-emittent taċ-ċertifikat jew identifikatur uniku taċ-ċertifikat.

Id-data personali għandha tiġi inkluża fiċ-ċertifikat tal-fejqan f'konformità mal-kampijiet speċifiċi tad-data stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex temenda l-punt 3 tal-Anness billi timmodifika jew tneħħi kampijiet tad-data, jew billi żżid kampijiet tad-data li jaqgħu fil-kategoriji ta' data personali msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta tali emenda tkun meħtieġa biex jiġu vverifikati jew ikkonfermati l-awtentiċità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikat tal-fejqan, fil-każ ta' progress xjentifiku fit-trażżin tal-pandemija tal-COVID-19, jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ma' standards internazzjonali.

3. Iċ-ċertifikat tal-fejqan għandu jinħareġ f'format sigur u interoperabbli skont l-Artikolu 3(2).

4. Abbażi tal-gwida riċevuta skont l-Artikolu 3(11), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-punt (c) tal-Artikolu 3(1) biex tippermetti l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-fejqan abbażi ta' test rapidu tal-antiġeni pożittiv, test tal-antikorpi, inkluż test seroloġiku għall-antikorpi kontra s-SARS-CoV-2, jew kwalunkwe metodu ieħor validat xjentifikament. Tali atti delegati għandhom ukoll jemendaw il-punt 3 tal-Anness billi jżidu, jimmodifikaw jew ineħħu l-kampijiet tad-data li jaqgħu fil-kategoriji ta' data personali msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Wara l-adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tat-testijiet tal-antikorpi li abbażi tagħhom jista' jinħareġ ċertifikat tal-fejqan, li għandu jiġi stabbilit mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, inkluż kwalunkwe aġġornament.

6. Fir-rapport previst fl-Artikolu 16(1), il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-adegwatezza u l-fattibbiltà, fid-dawl tal-evidenza xjentifika disponibbli, li tadotta atti delegati imsemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Qabel ma tippreżenta dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tfittex gwida regolari skont l-Artikolu 3(11) dwar l-evidenza xjentifika disponibbli u l-livell ta' standardizzazzjoni rigward il-ħruġ possibbli ta' ċertifikati tal-fejqan abbażi ta' testijiet tal-antikorpi, inkluż l-ittestjar seroloġiku għall-antikorpi kontra s-SARS-CoV-2, filwaqt li tqis ukoll id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' dawn it-testijiet.

7. Meta, fil-każ ta' evidenza xjentifika emerġenti ġdida jew biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandards internazzjonali u s-sistemi teknoloġiċi, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu hekk, il-proċedura prevista fl-Artikolu 13 għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

8. Meta l-Istati Membri jaċċettaw prova tal-fejqan mill-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 sabiex ineħħu r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti, skont il-liġi tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, huma għandhom jaċċettaw, taħt l-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tal-fejqan maħruġin minn Stati Membri oħra skont dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Ċertifikati tal-COVID-19 u dokumentazzjoni oħra maħruġin minn pajjiż terz

1. Meta ċertifikat tat-tilqim ikun inħareġ f'pajjiż terz għal vaċċin kontra l-COVID-19 li jikkorrispondi ma' wieħed mill-vaċċini kontra l-COVID-19 imsemmijin fl-Artikolu 5(5) u l-awtoritajiet ta' Stat Membru jkunu ngħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża prova affidabbli tat-tilqim, dawk l-awtoritajiet jistgħu, fuq talba, joħorġu ċertifikat tat-tilqim kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) lill-persuna kkonċernata. Stat Membru ma għandux ikun meħtieġ joħroġ ċertifikat tat-tilqim għal vaċċin kontra l-COVID-19 li mhux awtorizzat għall-użu fit-territorju tiegħu.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi li ċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin minn pajjiż terz f'konformità mal-istandards u s-sistemi teknoloġiċi li jkunu interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u li jippermettu l-verifika tal-awtenticità, il-validità u l-integrità taċ-ċertifikat, u li jkun fihom id-data stabbilita fl-Anness, għandhom jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati maħruġin mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament, għall-fini li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu fl-Unjoni.

Qabel ma tadotta tali att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk iċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mill-pajjiż terz jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed il-lista ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan il-paragrafu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

3. L-aċċettazzjoni, mill-Istati Membri taċ-ċertifikati msemmijin f'dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8).

4. Fejn Stati Membri jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn pajjiż terz għal vaċċin kontra l-COVID-19 kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5), huma għandhom jaċċettaw wkoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stat Membri oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-istess vaċċin kontra l-COVID-19.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika għaċ-ċertifikati tal-COVID-19 u dokumentazzjoni oħra maħruġin minn pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej imsemmijin fl-Artikolu 355(2) tat-TFUE u elenkati fl-Anness II tiegħu, u mill-Gżejjer Faeroe. Huwa ma għandux japplika għaċ-ċertifikati tal-COVID-19 u dokumentazzjoni oħra maħruġin fil-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej imsemmijin fl-Artikolu 355(2) tat-TFUE u elenkati fl-Anness II tiegħu, jew fil-Gżejjer Faeroe f'isem Stat Membru.

Artikolu 9

Speċifikazzjonijiet tekniċi

1. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja stabbilit b'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun fihom l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tekniċi għall-fini li:

(a) jinħarġu u jiġu vverifikati b'mod sigur iċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1);

(b) tiġi żgurata s-sigurtà tad-data personali, b'kont meħud tan-natura tad-data;

(c) jimtlew iċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1), inkluża s-sistema ta' kodifikazzjoni u kwalunkwe element rilevanti ieħor;

(d) tiġi stabbilita l-istruttura komuni tal-identifikatur uniku taċ-ċertifikat;

(e) tinħareġ barcode valida, sigura u interoperabbli;

(f) isiru sforzi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-istandards internazzjonali u s-sistemi teknoloġiċi;

(g) jiġu allokati r-responsabbiltajiet fost il-kontrolluri u fir-rigward tal-proċessuri, f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2016/679.

(h) tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà għall-informazzjoni li tinqara mill-bniedem li tinsab fiċ-ċertifikat diġitali u fiċ-ċertifikat stampat, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà taħt il-liġi tal-Unjoni.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

3. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, b'mod partikolari biex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha tal-qafas ta' fiduċja, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmijin fl-Artikolu 14(3). L-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan il-paragrafu għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Protezzjoni ta' data personali

1. Ir-Regolament (UE) 2016/679 għandu japplika għall-ipproċessar tad-data personali mwettqin fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-data personali li tinsab fiċ-ċertifikati maħruġin skont dan ir-Regolament għandha tiġi pproċessata biss għall-fini ta' aċċess u verifika tal-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni matul il-pandemija tal-COVID-19. Wara t-tmiem tal-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ma għandu jseħħ l-ebda proċessar ulterjuri.

3. Id-data personali inkluża fiċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandha tiġi pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni jew ta' tranżitu, jew mill-operaturi tas-servizzi transfruntieri tat-trasport tal-passiġġieri meħtieġa mil-liġi nazzjonali biex jimplimentaw ċerti miżuri tas-saħħa pubblika matul il-pandemija tal-COVID-19, biex jivverifikaw u jikkonfermaw biss l-istat ta' tilqim, riżultat tat-test jew stat ta' fejqan tad-detentur. Għal dak il-għan, id-data personali għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ. Id-data personali li jinkiseb aċċess għaliha skont dan il-paragrafu ma għandhiex tinżamm.

4. Id-data personali pproċessata għall-fini tal-ħruġ taċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1), inkluż il-ħruġ ta' ċertifikat ġdid, ma għandhiex tinżamm mill-emittent għal aktar żmien milli jkun strettament meħtieġ għall-fini tagħha u fl-ebda każ għal aktar żmien mill-perijodu li għalih iċ-ċertifikati jistgħu jintużaw biex jiġi eżerċitat id-dritt għall-moviment liberu.

5. L-ebda lista ta' revoka ta' ċertifikati skambjata bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 4(2) ma għandha tinżamm wara t-tmiem tal-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

6. L-awtoritajiet jew korpi maħturin oħra responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1) għandhom jitqiesu li huma kontrolluri kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679.

7. Il-persuna fiżika jew ġuridika, l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li ta vaċċin kontra l-COVID-19 jew wettaq it-test li għalih ikun hemm obbligu li jinħareġ ċertifikat għandhom jittrażmettu lill-awtoritajiet jew korpi maħturin oħra responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikati, id-data personali meħtieġa biex jimtlew il-kampijiet tad-data stabbiliti fl-Anness.

8. Meta kontrollur kif imsemmi fil-paragrafu 6 jirrikorri għal proċessur għall-finijiet imsemmijin fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, ma jista' jsir ebda trasferiment ta' data personali mill-proċessur lejn pajjiż terz.

Artikolu 11

Restrizzjonijiet għall-moviment liberu u skambju ta' informazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jimponu restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, meta l-Istati Membri jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim, ċertifikati ta' test li jindikaw riżultat negattiv jew ċertifikati ta' fejqan, huma għandhom iżommu lura milli jimponu restrizzjonijiet addizzjonali għall-moviment liberu, bħal ittestjar addizzjonali

relatat mal-ivvjaġġar għall-infezzjoni mis-SARS-CoV-2 jew l-awtoiżolament jew kwarantina jew l-awtoiżolament mal-ivvjaġġar, dment li dawn ma jkunux meħtieġa u proporzjonati biex titħares is-saħħa pubblika b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li titqies ukoll l-evidenza xjentifika disponibbli, inkluża data epidemjoloġika ppubblikata mill-ECDC abbażi tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475.

2. Meta Stat Membru jesiġi, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, li d-detenturi taċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1) jgħaddu, wara d-dħul fit-territorju tiegħu, minn kwarantina jew awtoiżolament jew li jiġu ttestjati għall-infezzjoni mis-SARS-CoV-2, jew jekk jimponi restrizzjonijiet oħra fuq id-detenturi ta' tali ċertifikati minħabba li, pereżempju, is-sitwazzjoni epidemjoloġika fi Stat Membru jew f'reġjun fi Stat Membru tmur għall-agħar malajr, b'mod partikolari b'riżultat ta' varjant tas-SARS-CoV-2 ta' tħassib jew interess, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan, jekk possibbli 48 siegħa qabel l-introduzzjoni ta' tali restrizzjonijiet ġodda. Għal dak il-għan, l-Istat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġunijiet għal tali restrizzjonijiet;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali restrizzjonijiet, filwaqt li jispeċifika liema detenturi taċ-ċertifikat huma soġġetti għal tali restrizzjonijiet jew huma eżentati minnhom;

(c) id-data u t-tul ta' żmien ta' tali restrizzjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-ħruġ u l-kundizzjonijiet ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1), inkluż il-vaċċini kontra l-COVID-19 li jaċċettaw skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5).

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-pubbliku b'informazzjoni ċara, komprensiva u f'waqtha fir-rigward tal-paragrafi 2 u 3. Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli pubblikament 24 siegħa qabel ma r-restrizzjonijiet il-ġodda jidħlu fis-seħħ, b'kont meħud tal-ħtieġa ta' xi flessibbiltà għal emerġenzi epidemjoloġiċi. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tista' ssir disponibbli pubblikament mill-Kummissjoni b'mod ċentralizzat.

Artikolu 12

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmijin fl-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 7(1) u (2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 12-il xahar mill-1 ta' Lulju 2021.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 7(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 7(1) jew (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 13

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 14

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 15

Perijodu ta' introduzzjoni gradwali

1. Iċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin minn Stat Membru qabel l-1 ta' Lulju 2021 għandhom jiġu aċċettati mill-Istati Membri l-oħra sat-12 ta' Awwissu 2021 f'konformità mal-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8), fejn ikun fihom id-data stabbilita fl-Anness.

2. Meta Stat Membru ma jkunx jista' joħroġ iċ-ċertifikati msemmijin fl-Artikolu 3(1) f'format li jikkonforma ma' dan ir-Regolament mill-1 ta' Lulju 2021, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan. Fejn ikun fihom id-data stabbilita fl-Anness, iċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin minn tali Stat Membru f'format li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati mill-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8) sat-12 ta' Awwissu 2021.

Artikolu 16

Rapporti tal-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jinkludi ħarsa ġenerali fuq:

(a) l-għadd ta' ċertifikati maħruġin skont dan ir-Regolament;

(b) gwida mitluba skont l-Artikolu 3(11) dwar l-evidenza xjentifika disponibbli u l-livell ta' standardizzazzjoni rigward il-ħruġ possibbli ta' ċertifikati tal-fejqan abbażi ta' testijiet tal-antikorpi, inkluż l-ittestjar seroloġiku għall-antikorpi kontra s-SARS-CoV-2, filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' dawn it-testijiet; u

(c) l-informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 11.

2. Sal-31 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport għandu jinkludi, b'mod partikolari, valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament dwar il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu, inkluż dwar l-ivvjaġġar u t-turiżmu u l-aċċettazzjoni ta' tipi differenti ta' vaċċini, id-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll dwar il-protezzjoni tad-data personali matul il-pandemija tal-COVID-19.

Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi, b'mod partikolari biex jiġi estiż il-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-14 ta' Ġunju 2021

Għall-Parlament Ewropew	*F'isem il-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
D. M. SASSOLI	A. COSTA

ANNESS

SETTIJIET TAD-DATA TAĊ-ĊERTIFIKAT

1. Kampijiet tad-data li jridu jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tat-tilqim:
   (a) isem: kunjom/ijiet u isem/ismijiet, f'dik l-ordni;
   (b) data tat-twelid;
   (c) mard jew aġent fil-mira; COVID-19 (SARS-CoV-2 jew wieħed mill-varjanti tiegħu);
   (d) vaċċin kontra l-COVID-19 jew profilassi;
   (e) isem tal-prodott tal-vaċċin kontra l-COVID-19;
   (f) detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-vaċċin kontra l-COVID-19 jew manifattur tal-vaċċin
   (g) għadd f'sensiela ta' dożi kif ukoll l-għadd totali ta' dożijiet fis-serje;
   (h) data tat-tilqim, li tindika d-data tal-aħħar doża riċevuta;
   (i) Stat Membru jew pajjiż terz li fih ġie mogħti l-vaċċin;
   (j) emittent taċ-ċertifikat;
   (k) identifikatur uniku taċ-ċertifikat.
2. Kampijiet tad-data li għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tat-test:
   (a) isem: kunjom/ijiet u isem/ismijiet, f'dik l-ordni;
   (b) data tat-twelid;
   (c) mard jew aġent fil-mira; COVID-19 (SARS-CoV-2 jew wieħed mill-varjanti tiegħu);
   (d) it-tip ta' test;
   (e) isem tat-test (fakultattiv għat-test NAAT);
   (f) il-manifattur tat-test (fakultattiv għat-test NAAT);
   (g) data u ħin tal-ġbir tal-kampjun għat-test;
   (h) riżultat tat-test;
   (i) ċentru jew faċilità tal-ittestjar (fakultattiv għat-test rapidu tal-antiġeni);
   (j) Stat Membru jew pajjiż terz li fih sar it-test;
   (k) emittent taċ-ċertifikat;
   (l) identifikatur uniku taċ-ċertifikat.
3. Kampijiet tad-data li għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tal-fejqan:
   (a) isem: kunjom/ijiet u isem/ismijiet, f'dik l-ordni;
   (b) data tat-twelid;
   (c) mard jew aġent li d-detentur ikun fieq minnu: COVID-19 (SARS-CoV-2 jew wieħed mill-varjanti tiegħu);
   (d) data tal-ewwel riżultat pożittiv tat-test NAAT tad-detentur;
   (e) Stat Membru jew pajjiż terz li fih sar it-test;
   (f) emittent taċ-ċertifikat;
   (g) ċertifikat validu minn;
   (h) ċertifikat validu sa (mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel riżultat pożittiv tat-test NAAT);
   (i) identifikatur uniku taċ-ċertifikat.